**Knisja Arċipretali ta' San Publju, Floriana**
Uffiċċju Parrokkjali,
4, Triq Sarria,
Floriana.
Tel: 2124 7106
**www.florianaparish.org**

**NRU. 126** **FLORIANA** **ĠUNJU 2010**

**Messaġġ tal-Arċipriet**

# *IS-SWAT ĦAREĠ MILL-ĠENNA U KULL MIN IDUQU JITHENNA*

Għeżież Furjaniżi,

**Is-swat ħareġ mill-ġenna u kull min iduqu jithenna**. Dan il-proverbju għaqli ta' missirijietna l-Maltin żgur li mhux qed jitkellem dwar vjolenza jew swat fiżiku imma qed jitkellem dwar id-dixxiplina li hija meħtieġa biex wieħed jikber raġel jew mara ta' veru. Meta wieħed jew waħda dejjem ikun ingħata li ried jikber f'persuna li ma tkunx kapaċi tisma' l-kelma "le" jew "mhux għalissa". Xi wħud jaħsbu li meta qed jikkuntentaw lil uliedhom f'kollox ikunu qed iħobbuhom, minflok ikunu qed iħassruhom u jrabbuhom bla sinsla.

X'se jagħmlu dawk it-tfal li draw fil-fsied meta jkollhom jiffaċċjaw l-iebes tal-ħajja? Se jkunu kapaċi jagħmlu sagrifiċċju biex jistudjaw, biex irażżnu l-ġibdiet tas-sess, biex ikunu kapaċi ma jidħqux bil-ħbieb tagħhom, biex jibżgħu għall-flus, għax-xogħol? Min kull ma ried ingħatalu se jkun kapaċi jikkontrolla lilu nnifsu quddiem tfajla jew ġuvni? Se jkun kapaċi jkollu ċans ibill subajh u ma jisraqx? Se jkun kapaċi jsuq karozza u ma jitkessaħx? Se jkun kapaċi jidħol għal xogħol tqil u jsaddad fih?

Jekk il-bniedem ma jkunx dara' minn kmieni jiċċaħħad anke minn dak li jħobb isibha wisq diffiċli biex jiffaċċja l-ħajja li aktar ma tmur aktar qiegħda ssir diffiċli. Għaliex għandna daqshekk twelid minn tfajliet? Għaliex għandna daqshekk serq u vandaliżmu? Għaliex għandna daqshekk bdil ta' nisa u rġiel f'adulterji? Għaliex xi żwieġijiet tfarrku mill-ewwel? Għaliex flok żwieġ qed infittxu l-koabitazzjoni?

Jista' jkun li waħda mir-raġunijiet (għax hemm ħafna) hija li m'aħniex kapaċi nagħmlu sagrifiċċju? U għaliex m'aħniex kapaċi nagħmlu sagrifiċċju? Forsi għax ma trabbejniex fid-dixxiplina? Kull meta bkejna jew sabbatna saqajna meta konna żgħar tawna li ridna?

Int li int ġenitur x'qed trabbi rġiel u nisa jew pupi fit-tajjar? Meta jikbru wliedek x'se jgħidu, li rabbejthom fid-dixxiplina jew li ħallejthom jagħmlu li jridu? X'se jgħidu, li tajthom eżempju tajjeb jew li kont int stess li ħassarthom? Qed jaraw fik missier jew omm, nannu jew nanna, zija jew ziju fidila fiż-żwieġ tiegħek? Qed jaraw fik eżempju tajjeb ta' ħajja nisranija?

Forsi xi ħadd jgħidli li jien iebes wisq mal-Furjaniżi. Dan li qed ngħid hija riflessjoni tiegħu fuq id-dinja li qed ngħixu fiha llum, mhux fuq il-Furjana biss. Hija realta` li qed ngħaddu minna. Mhux kulħadd huwa hekk. Le mhux

kulħadd. Imma xi wħud hekk huma. Nistgħu nagħmlu xi ħaġa biex intejbu din is-sitwazzjoni li sabet ruħa fiha d-dinja?

Tislijiet u barka. ■

***Fr Richard Borg, Arċipriet***

## PROGRAMM TA' ĦIDMA U ATTIVITA` ĠUNJU 2010

**ĠIMGĦA EWKARISTIKA**

**Mill-Ħamis 3 ta' Ġunju sal-Ġimgħa 11 ta' Ġunju**

Kuljum meta mhux indikat mod ieħor ikollna l-Espożizzjoni ta' Ġesu` Sagramentat bejn id-9.30am u l-10.30 am, bejn l-4.30 pm u s-6.30 pm u fis-7.00 pm.

| | |
|---|---|
| L-Erbgħa 1 | Għeluq is-sena tas-saċerdoti. |
| Il-Ħamis 3 | Jum sħih ta' adorazzjoni fil-knisja mid-9.30 am sas-6.15 pm.<br>6.30 pm Konċelebrazzjoni Solenni u wara purċissjoni bis-Sagrament mill-knisja lejn in-naħa tal-Floriana. |
| Il-Ġimgħa 4 | **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**.<br>12.35 Quddiesa għall-ħaddiema.<br>4.30 pm Adorazzjoni. |
| Is-Sibt 5 | 6.00 pm Ċelebrazzjoni Komunitarja tas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni. |
| Il-Ħadd 6 | **Solennita` tal-ĠISEM U D-DEMM TAL-MULEJ — CORPUS**<br>9.00 am Quddiesa Solenni.<br>11.15 am sal-5.15 pm Espożizzjoni u Adorazzjoni. |
| It-Tnejn 7 | 7.30 pm Laqgħa għall-Ministri tat-Tqarbin. |
| It-Tlieta 8 | Jum Ewkaristiku fl-iSkola Primarja Antonio Galea.<br>9.30 am Adorazzjoni mill-membri tal-Azzjoni Kattolika.<br>5.15 pm Laqgħa ta' Adorazzjoni għat-tfal fil-knisja. |
| Il-Ħamis 10 | Jum sħiħ ta' adorazzjoni fil-Museum. |
| Il-Ġimgħa 11 | **Solennita` tal-QALB TA' ĠESU`.**<br>Jum sħiħ ta' adorazzjoni fil-knisja mid-9.30 am sas-6.15 pm.<br>6.30 pm Konċelebrazzjoni Solenni u purċissjoni bis-Sagrament mill-Knisja għan-naħa ta' Balzunetta. |

| | |
|---|---|
| Is-Sibt 19 | 6.30 pm Quddiesa għall-missirijiet kollha f'Jum il-Missier. |
| L-Erbgħa 23 | Ordinazzjoni tal-Presbiteri ġodda ġewwa l-Katidral tal-Imdina. |
| Il-Ħadd 27 | Ġbir għall-opri ta' karita` mixtieqa mill-Papa. |
| It-Tlieta 29 | **Festa Solenni ta' San Pietru u San Pawl - L-Imnarja.** |

## IL-LAPIDA TIFKIRA TAD-DĦUL TAL-PAPA FIL-KNISJA TAGĦNA TALBA TA' FIDUĊJA F'ĠESU ĦANIN

Il-Papa Benedittu XVI daħal fil-knisja tagħna nhar il-Ħadd, 18 ta' April fl-9.45 am. Hemmhekk huwa sellem lil San Publju, invіżta lill-Ġesu` Sagramentat u ħejja ruħu biex minn ġol-knisja tagħna jibda l-quddiesa solenni li saret fi Pjazza San Publju.

L-għada ta' din il-ġrajja kbira, jiġifieri nhar it-Tnejn 19 ta' April, fil-post eżatt li fuqu talab il-Papa Benedittu, f'nofs il-knisja, quddiem it-taraġ tal-presbiterju, tpoġġiet lapida li tfakkar din il-ġrajja.

Mhux hekk biss imma. L-ewwelnett ridna li l-lapida jkun fiha tislima u talba lil Ġesu` ħanin b'tali mod li kull min jersaq lejha jew jgħaddi minn fuqha l-ewwel ilissen f'qalbu dik it-talba qasira imbagħad tfakkru li l-Papa Benbedittu XVI talab hemmhekk.

Fil fatt qed nissuġġerixxu li kull meta nersqu biex nitqarbnu, hekk kif inkunu qrib il-lapida, ngħidu dik it-talba qasira eżatt qabel nirċievu ġewwa fina lil Ġesu` ħaj. It-talba hija din:

**ĠESU` ĦANIN NADURAWK U NBERKUK**
**NIRRINGRAZZJAWK U NITOLBUK.**

## IL-KALLOTTA LI LIBES IL-PAPA BENEDITTU XVI WAQT IL-QUDDIESA TA' FUQ IL-FOSOS

Minbarra għadd ta' ritratti/tifkiriet li għandna tal-Papa fil-knisja tagħna u fuq il-Fosos, il-Papa irregala lill-knisja tagħna il-kallota li biha qaddes dakinhar tat-18 ta' April. Din se tibqa' tinżamm b'għożża u b'tifkira ġo kaxxa tal-ħġieġ u tal-injam li nħadmet apposta biex filwaqt li tkun tista' titgawda tkun ukoll protetta.
Din il-kallotta ġiet ippreżentata lilna mill-Arċipriet nhar l-aħħar Tridu ta' San Publju, il-Ġimgha, 23 ta' April.

**Fil-ġranet l-oħra tal-ġimgħa ta' qabel il-festa kellna wkoll ġrajjiet oħra li ma kenux miktuba fil-programm tal-festa, imma li kienu maħsuba.**

| | |
|---|---|
| It-Tnejn 19 | Tħawwlet siġra tas-Sena Ċentinarja fil-Mall u nkixfet lapida mal-ġemb tal-knisja li tfakkar id-daħla ta' San Publju fil-Belt nhar id-29 ta' Ġunju 2010. |
| It-Tlieta 20 | Inkixfet il-lapida tad-dħul tal-Papa fil-knisja. |
| L-Erbgħa 21 | Restawr ta' tlett pitturi u anġlu ġdid għal Triq il-Konservatorju. |
| Il-Ħamis 22 | Preżentazzjoni u tberik ta' tnax-il pjaneta ħamra ġdida. |
| Il-Ġimgħa 23 | Preżentazzjoni tal-kallotta tal-Papa. |

## MESSAĠĠI TAL-PAPA LILNA L-MALTIN



***GĦOŻŻU T-TAGĦLIM LI ĦALLIELKOM MISSIERKOM SAN PAWL***

Bla dubju ta' xejn dan huwa wieħed mill-messaġġi prinċipali li ħallielna il-Papa Benedittu XVI fid-diskors tiegħu fuq il-Fosos tal-Furjana nhar il-Ħadd, 18 ta' April 2010. Il-fidi tagħna hija rigal li Alla lilna l-Maltin wassalulna daqshekk kmieni. Kemm aħna xxurtjati! It-tagħlim tal-Evanġelju kien minn dejjem u għadu issa wkoll ta' ġid kbir għalina l-Maltin.

***KUNU TA' EŻEMPJU TA' ĦAJJA NISRANIJA F'ARTKOM U BARRA MINN ARTKOM.***
***KUNU KBURIN BIS-SEJĦA NISRANIJA TAGĦKOM.***
***GĦOŻŻU L-WIRT RELIĠJUŻ U KULTURALI TAGĦKOM.***
***ĦARSU LEJN IL-FUTUR B'TAMA,***
***B'RISPETT PROFOND GĦALL-ĦOLQIEN,***
***B'REVERENZA GĦALL-ĦAJJA UMANA,***
***BI STIMA GĦOLJA TAŻ-ŻWIEĠ,***
***U GĦALL-INTEGRITA` TAL-FAMILJA.***
***KUNU ULIED DENJI TA' SAN PAWL!***

### NIFIRĦU LIL DAWN L-INSARA ĠODDA

Shaiel bint Cliff Falzon u Kenzie Schembri
Noah Leon bin Neville u Marica Tabone
Adam bin Reuben u Rachel Miceli

### INGHAQDU FIŻ-ŻWIEĠ NISRANI

Francois Bartolo u Rayleen Vella – 14-05-10
Dylan Cassar u Breta Carabott – 23-05-2010

*NIFIRĦU LIT-TFAL SUBIEN U BNIET LI RĊEVEW L-EWWEL TQARBINA NHAR IT-30 TA' MEJJU 2010*